**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 18 – IT-TNEJN, 25 TA' MEJJU 2020 FIL-5.35pm**

Il-Kunsill iltaqa' via Skype.

Preżenti

| | |
|---|---|
| Trevor Fenech | Sindku |
| Anthony Mifsud Bonnici | Viċi Sindku |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Etienne Bonello Du Puis | Kunsillier |
| Joe Aquilina | Kunsillier |
| Tania Borg | Kunsillier |
| Violet Bajada | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| David Dalli | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 17**

1.1 Kien hemm korrezzjoni waħda. Għandha tidħol fil-paragrafu 5.4, is-Sindku rrisponda li diġà beda l-ħidma fuqha.

1.2 Is-Sinjura Violet Bajada pproponiet li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 17**

2.1 Dwar paragrafu 4.1, il-Kunsill għandu jiġi nfurmat bil-konklużjoni.

**3 Pagamenti Numru 19**

3.1 Is Sur Anthony Mifsud Bonnici ppropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Violet Bajada ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Kien hemm qbil li iż-żona tad-dog park u l-picnic area għandha tiġi refurbished. L-BBQ għandu jeħel l-aħħar ħaġa.

4.2 Kien hemm qbil dwar l-allokazzjoni l-ġdida tal-fondi tal-LESA, dan minħabba li ma setgħux jsiru numru ta' attivitajiet minħabba l-Covid-19 u għalhekk l-fondi jintużaw għal proġetti.

4.3 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ktieb "Kullana ta' Kitbiet" ser jiġi ppubblikat fi żmien qasir.

4.4 Kien hemm diskussjoni dwar l-attivitajiet ippjanati ta' Jum San Ġwann. Fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-pajjiż minħabba l-Covid-19, kien hemm qbil unanimu li dawn l-attivitajiet jiġu kkanċellati. Kien hemm qbil li meta l-pajjiż jiġi lura għan-normal, isiru attivitajiet oħra.

4.5 Dwar il-proġett ta' tisbiħ fi Triq iż-Żebbuġ, il-Kunsill ġie nfurmat li dan ix-xogħol għandu jsir minn Infrastructure Malta waqt ix-xogħlijiet ta' resurfacing fi Triq iċ-Ċawsli.

4.6 Kien hemm diskussjoni dwar applikazzjoni mal-PA għal Guest House f'Wied Għomor. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jirrieġistra oġġezzjoni għal din l-applikazzjoni.

4.7 Il-Kunsill ġie nfurmat li beda x-xogħol fi Triq il-Qronfol ma' Misraħ il-Ward. Ser issir ukoll rampa tal-aċċess f'Misraħ il-Ward biex jinħoloq aċċess għal siġġu bir-roti minn Triq il-Gladjoli għal Triq il-Qronfol.

4.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li qed isiru taħdidiet ma' GreenPak biex jitwaħħlu CCTVs mal-bins f'San Ġwann.

## 5 Korrispondenza

5.1 Kien hemm diskussjoni dwar l-ispecifications tad-dawl tal-ġonna u CCTVs biex dawn jinħarġu għal sejħa pubblika. Kien hemm qbil li dawn jinħarġu f'tender waħda, u jekk ikun possibbli anke jiġi nkluż id-drip irrigation ukoll.

5.2 Kien hemm qbil li nilqgħu t-talba tal-klabb tal-boċċi biex jinxtraw planters għal Ġnien Karin Grech.

5.3 Kien hemm diskussjoni dwar ir-rapport mill-Bord ta' Evalwazzjoni tat-tender tal-knis. Ġie innutat li r-rakkomandazzjoni tal-Bord kienet li tintgħażel l-offerta ta' Galea Cleaning Solutions. Is-Sur Dominic Cassar ippropona li l-Kunsill jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord. Is-Sinjura Violet Bajada ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

5.4 Kien hemm qbil li l-Interviewing Bord għal post ta' Driver jikkonsisti minn Trevor Fenech, Dominic Cassar, Violet Bajada u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 6 Affarjiet Ohra

**6.1** Is-Sur Dominic Cassar tkellem dwar applikazzjoni għal disabled parking ta' oħt David Dalli. Il-Kunsill ġie infurmat li hu qatt ma jagħmel objections għal dawn it-talbiet.

Is-Sur Etienne Bonello Du Puis skuża ruħu mil-laqgħa fis-6.35pm.

6.1.1 Is-Sur Dominic Cassar ġab għall-attenzjoni li hemm arbli tad-dawl fi Triq R. Caruana Dingli li hemm bżonn li jiġu mċaqalqa. Għanda sssir talba lil Enemalta.

6.2 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici tkellem dwar parkeġġ fi Triq tal-Mensija kif ukoll dwar double yellow line fi Triq Ġużè Azzopardi. Talab ukoll biex issir ittra dwar l-iskart lir-residenti fi Triq George Tayar. Fakkar ukoll dwar tappiera u tabella fi Triq il-Qasab.

6.3 Is-Sinjura Violet Bajada staqsiet dwar il-ħasil bid-disinfettant fi Triq is-Santwarju.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

6.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 8 ta' Ġunju 2020 fil-5.00pm

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Trevor Fenech**
**Sindku**